Minuti tal-laqgħa numru wieħed u tletin (31) tal-Kunsill Lokali tar-Rabat (KLR) li nżammet nhar l-Erbgħa, 16 ta' Settembru, 2026 fil-5.30pm fil-Muniċipju tar-Rabat, 8, Triq l-Isptar, ir-Rabat

Preżenti:

Is-Sur Sandro Craus	Sindku
Is-Sur Matthew Chetcuti	Viċi Sindku
Is-Sa Charmaine Balzan	Kunsillier
Is-Sa Graziella Brincat	Kunsillier
Is-Sa Janice Busuttil	Kunsillier
Is-Sur Terrence Sant	Kunsillier
Is-Sur Norbert Grech	Kunsillier
Is-Sur Rudolph Grima	Kunsillier
Is-Sur Anthony Bonello	Segretarju Eżekuttiv (SE)

Uffiċjali: Dr Gillian Portelli — Kummissarju tal-Ġustizzja

Qabel il-laqgħa ingħata l-ġurament tal-ħatra ta' kunsillier lis-Sa Janice Busuttil.

31.01 **Qari tal-ittri ta' Apoloġija**

Apoloġija u Presedenza

Is-SE qara messaġġ minn fuq it-telefon ċellulari tas-Sur Paul Grech fejn talab li jkun eżenti minħabba raġunijiet familjari. L-apoloġija kienet aċċettata unanimament.

Il-laqgħa kienet preseduta mis-Sindku, is-Sur Sandro Craus li laqa' lis-Sa Janice Busuttil bħala kunsillier biex timla' s-siġġu tal-mibki s-Sur Nazju Cassar.

31.02 **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti numru tletin (30)**

Minuti

Il-minuti numru tletin kienu kkunsidrati u approvati bil-korrezzjoni tas-Sindku, s-Sur Sandro Craus fejn f'punt numru *30.09* kien hemm żieda ta' din is-sentenza: - *Kien hemm qbil unanimu mil-kunsillieri preżenti.*

Dawn kienu mressqa għall-vot mis-Sindku, is-Sur Sandro Craus u ssekondati mil-Viċi Sindku, is-Sur Matthew Chetcuti u approvati unanimament.

31.03 **Skeda tal-Pagamenti numru tliet mija u ħamsa u tmenin (385)** SOP

Kienet approvata unanimament l-iskeda tal-pagamenti numru 385 bil-proponent u s-sekondant ikunu l-kunsillieri li l-firma tagħhom tidher fuq l-istess skeda.

31.04 **Skeda tax-Xiri ta' oġġetti, servizzi u xogħlijiet numru mija u tnejn (102)** Skeda Xiri

L-iskeda tax-xiri ta' oġġetti, servizzi u xogħlijiet numru mija u tnejn kienet approvata unanimament mill-Kunsill bil-proponenti u s-sekondanti li ffirmaw l-istess skeda.

31.05 **Tweġiba għall-*Management Letter ye 2025*** Managmene Letter

Ir-risposta għall-*Management Letter* tal-Udituri kienet mibgħuta mal-Agenda, kienet meħuda b'moqrija, ikkunsidrata u approvata unanimament fl-intier tagħha. Il-Kunsill se jieħu ir-rakkomandazzjonijiet kollha biex jemeljora l-immaniġjar tal-finanzi tiegħu.

31.06 **Ħsara fuq vettura fl-inħawi ta' Santa Katerina tad-Daħla** Ħsarat fuq vettura

Is-SE qal li x-xogħol ma kienx qiegħed isir mil-Kunsill filwaqt li x-xufier daħal f'ħofra u allegatament qiegħed jgħid li għandu xi spejjeż. Il-Kunsill iddeċieda li jintbgħat l-ilment lill-entita li qed tagħmel dawn ix-xogħlijiet.

31.07 **Skema (DLG) Attivitajiet Kulturali Annwali 2027 deadline 30.9.26** Attività Kulturali Annwali

Is-SE tal-Kunsill Lokali tar-Rabat se jimla' l-applikazzjoni bħas-snin li għaddew biex tkun organizzata l-attività kulturali annwali Rabat Sacrum f'Settembru, 2027 fuq l-stess kriterji li mtliet tul dawn l-erba' snin. Dwar dan kien hemm qbil unanimu mill-kunsilliera.

31.08 **Rabat Sacrum 2026** Rabat Sacrum 2026

Is-Sur Rudolph Grima ta aġġornament tal-attività Rabat Sacrum 2026 filwaqt li esprima t-tħassib tiegħu bit-temp imbassar ħażin fi tmiem-il ġimgħa. Kienu diskussi bosta affarijiet loġistiċi, promozzjonali u fuq kollox l-involviment ta' tant NGOs f'din ir-raba edizzjoni.

31.09 **Informazzjoni mitluba mir-Reġjun Punent fuq il-kuntratt tal-ġbir tal-iskart il-ġdid** Kuntratt tal-Ġbir tal-Iskart

Kien hemm qbil illi l-ġbir tal-iskart jibqa' jsir filgħodu u s-SE se jimla' l-kwestjonarju mitlub mir-Reġjun Punent. Dwar il-kuntratt preżenti, is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal li imn'Alla għandna lil Kenneth Borg għaliex kieku ż-żibel akkumula sew minħabba nuqqasijiet fil-kuntratt preżenti. Barra minn hekk semma' wkoll is-servizz utli li jagħti s-Sur Pawlu Tanti.

31.10 **Applikazzjoni għall-Imwejjed u Siġġijiet quddiem il-Knisja ta' Ġieżu PA05857/26** PA5857/26

Il-Kunsill Lokali tar-Rabat unanimament qabel li joġġezzjona mal-Awtorità tal-Ippjanar għal dan il-permess minħabba li hemm Knisja eżatt quddiem dan ir-ristorant li fiha jinżammu attivitajiet reliġjuži bħal festi, tiġijiet, funerali u magħmudijiet. Kien hemm qbil li pjattaforma żgur li ser tingombra u s-Sur Matthew Chetcuti qal illi din ma jkunx possibbli li titneħħa lanqas temporanjament filwaqt li hemmhekk il-bankini mhux adekwati (dojoq) għal siġġu tar-roti u pushchair. Dwar dan tkellem is-Sur Rudolph Grima u qal li fiċ-ċentru tar-Rabat issa hawn il-fenomenu illi kull post li jitbattal jittieħed bħala *catering establishment* (mhux qed jgħid għall-Airbnb's.) Hu qal li għandu jkun hemm pjan biex djar battala jiġu użati bħala djar u mhux stabbilimenti ta' ikel. Kien deċiż illi kopja ta' din l-oġġezzjoni titbgħat lid-Dipartiment tal-Artijiet u l-MTA u lill-Awtorita tal-Ippjanar. Barra minn hekk is-Sindku qal li hu personali ma jaqbilx mal-pjattaformi għax qed joħolqu inkonvenjent u din l-applikazzjoni għandha tittieħed b'serjetá għax jista' jinħoloq preċedent u faċċata tal-Knisja ta' Marija ta' Ġesú timtela' bi pjattaformi u b'imwejjed u siġġijiet.

31.11 **Ġemellaġġi (applikazzjoni tal-UE)** Ġemellaġġi

Il-Kunsill Lokali tar-Rabat qed jimla' applikazzjoni għal twinning ta' 25 persuna mir-Rabat, 12 mil-L'Isle Adam u 13 minn Solarino permezz tal-SEM. Sadanittant saritilna stedina minn Solarino biex jitla' s-Sindku, is-Sur Sandro Craus fl-okkażjoni ta' San Pawl ta' Jannar 2027. Hawnhekk is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal li xtaq li jitilgħu miegħu lis-SE kif ukoll lis-Sur Rudolph Grima li aċċettaw u rringrazzjawh tal-istedina.

31.12 **AI għal Kulħadd** AI for All

Is-SE tkellem dwar il-kors li se jkun organizzat fil-Kunsill Lokali tar-Rabat nhar l-24 ta' Settembru, 2026. Dan il-kors qed isir bil-parteċipazzjoni tal-MDIA u l-Università ta' Malta.

31.13 **Żvilupp residenzjali (ex-Tattingers)** Ex-Tattingers Residences

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus spjega li l-pjanijiet huma li minflok lukanda kif kien propost ftit tas-snin ilu, issa titla' binja residenzjali ~~u t-*tunnel* taħt it-Telgħa tas-Saqqajja ssir xorta~~. Hawn tkellem is-Sur Rudolph Grima u qal li meta nbniet il-binja tal-eks Maltacom plc, il-bini kien mexa' kollu 'l isfel u dan ifisser li hemmhekk hu kollu tafal u ma tistax tafdaħ; tant li anke l-ventijiet tal-ħaġar tat-trenn kienu kollha qed u għadhom jinqalbu għal isfel f'dan is-sit. Is-Sur Sandro Craus se jsejjaħ laqgħa mal-Perit Mugliett tal-Iżviluppatur biex ikun diskuss dan fil-preżenza tal-Kunsill Lokali tal-Imdina fil-futur qrib.

31.14 **Ħruġ ta' Offerta Pubblika għal xogħol ta' perizja** Kuntratt tal-Perit

Il-Kunsill Lokali tar-Rabat approva d-dokument tal-offerta pubblika tal-Perit li kien mibgħut mal-Agenda lill-kunsillieri fl-intier tiegħu. Dan hu neċessarju biex noperaw bħala Gvern Lokali.

31.15 **Kiri ta' garage fi Triq Kola Xara** Kiri ta' 2 garages

Il-Kunsill Lokali tar-Rabat approva PO100 item 15 li tammonta għal €141,600 biex jikri żewġ garages mingħand is-Sur Nigel Cortis għal 5

snin wara li kienet inħarġet l-*Expression of Interest* diversi xhur ilu u dak li ssottometta l-*bid* ma kienx konformi. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Tiġdid tal-kirja ta' 7, Triq l-Isptar Agosatinjani — 7, Triq l-Isptar

31.16 Il-Kunsill Lokali tar-Rabat qabel unanimament li tkun imġedda l-kirja tal-fond fuq imsemmi skont l-iskeda murija fuq il-*Monitor* dak il-ħin bil-premessa illi jagħmel investiment fiha fis-sena li ġejja u l-kirja tkun prolungata fuq medda ta' snin.

31.17 **Punti Oħra**

31.17.01 Terence Sant semma' l-każ tas-Sa Edwina Grima u l-ħsarat fuq il-faċċata minn xi ħadd li għadu mhux magħruf filwaqt li qed tallega li l-Kunsill Lokali tar-Rabat qabad u waħħlilha lampa mal-faċċata tagħha mingħajr il-kunsens tagħha fi Triq Santa Barbara u t-talba tagħha biex nikkumpensawha għall-ammont ta' €295 — Ħsarat fuq faċċata

Il-Kunsill ma qabilx li jikkumpensa minħabba preċedent u għax il-KLR ma kienx direttament responsabbli għal dawn il-ħsarat fiċ-ċirkustanza li l-kuntrattur tiegħu qed jiċħad li għamel xi ħsara.

31.17.02 Is-Sur Sandro Craus semma' l-pjanijiet li kienu saru diversi xhur ilu dwar l-immaniġġjar tat-traffiku kemm fl-inħawi ta' Triq Bir ir-Riebu kif ukoll fl-inħawi wara Sant' Agata. Hu qal li wara l-attività tar-Rabat Sacrum, se nerġgħu inkomplu nipproċedu minħabba li l-ADI li ltqajna magħhom qalulna li t-*traffic counts* huma baxxi speċjalment fi Triq Emanuele Vitale u se jirrepetuhom meta terġa' tibda' l-iskola ta' Sant Agata. — Traffic Management

31.18 **Appuntament għas-seduta li jmiss** — Aġġornament
Din il-laqgħa spiċċat fit-8.30pm u l-laqgħa li jmiss se ssir nhar is-7 ta' Ottubru 2026 fil-5.30 pm

(IFFIRMATA) **(IFFIRMATA)**

Meħuda minn Anthony Bonello u approvati llum 7/10/26 minn Sandro Craus

Segretarju Eżekuttiv Sindku